MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1020/2005

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma**

**Vs**

**Andrew Briffa**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-korporazzjoni attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija w erbgha u tletin lira Maltin u centezmu (Lm134.01c) rapprezentanti ilma li nstab mhux registrat fil-fond li kien ghadu taht kostruzzjoni, Triq Medjez, St Andrews fit-28 t'Awissu, 2000 u fix-xhur ta' qabel u ta' l-ispejjez ta' l-ispezzjoni li saret mill-korporazzjoni mittenti fl-istess fond u fl-stess data.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-korporazzjoni attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-korporazzjoni attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija w erbgha u tletin lira Maltin u centezmu (Lm134.01c), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------